# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tmien Sena** **Frar 1939** **Għadd 96**

**1d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.

## L-EWWEL KONKORS

TAL-

# ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

Il-"Ġabra ta' Kitba Maltija" tniedi konkors għall-aħjar novella bil-Malti.

In-novella trid tkun oriġinali, li s'issa għad ma kienet mitbugħa mkien, miktuba bl-ortografija tal-"Għaqda", u jkun fiha bejn it-3,000 u l-5,000 kelma. Il-manuskritti taħthom irid jitniżżel nom-de-plume; l-isem u l-indirizz ta' kull min jidħol għall-konkors irid jitqiegħed f'envelop magħluq li jkun fih in-nom-de-plume miktub minn barra. Kull kitba tinbagħat lil Dr. Ġużè Bonnici, 131, Triq San Pawl, il-Belt, u tasallu mhux iżjed tard mill-15 ta' Mejju 1939.

L-ewwel premju £5, it-tieni, £3, u żewġ *consolation prizes* ta' £1 l-wieħed. In-novelli li jieħdu dawn il-premji u dawk kollha li jistħoqqilhom jissemmew b'tifħir jinġabru fi ktieb maħruġ mill-"Ġabra ta' Kitba Maltija". Il-*copyright* ta' kull novella taqa' f'idejn l-Editur tal-"Ġabra".

L-Eżaminaturi : Dr. Alb. V. Laferla, LL.D, O.B.E., Chairman; Prof. Dun P.P. Saydon; is-Sur Nin Cremona; Dr. Ġużè Galea, u Dr. Ġużè Bonnici.

Ir-riżultat ikun imħabbar mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 1939.

Il-"Ġabra" tixtieq tiżżi ħajr lill-Gvern għax, permezz tal-għajnuna finanzjarja li taha, setgħet tniedi dan il-Konkors.

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

FRAR 1939 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 96

## IL-PAPA MIET!

Bħala nsara, bħala studenti ta' Università u bħala poplu ta' ċiviltà qadima ningħaqdu mad dinja kollha u nibku t-telfa ta' Missier l-insara kollha, ta' Għaref mill-akbar, tal-aqwa Ħaddiem taċ-ċiviltà. Il-Papa hu Missier l-insara kollha, hu Missier il-bnedmin kollha. Tgħidulna l-Knisja; narawh b'għajnejna. Il-Papa hu Ragħaj ta' merħla bla għadd, hu l-Blata li fuqha Kristu bena l-Knisja tiegħu. Il-ħsieb tiegħu, il-qalb tiegħu, l-imħabba tiegħu jħaddnu l-bnedmin kollha; il-ħedma tiegħu tinfirex sal ibgħad artijiet u waqqfet għaqdiet ġodda ta' nsara fejn qabel ismu ma kienx magħruf. U s-saltna ta' Kristu dejjem tikber u tinfirex. Il-Papa hu Missier l-insara kollha; tgħidulna wkoll qalbna. Min qatt rifes il-għatba tal-Vatikan u ma ħassx f'qalbu tixgħel dik l-imħabba, dik il-kunfidenza, biex ingħid hekk, li jħoss iben meta jidħol f'dar missieru?

Il-Papa kien għaref mill-akbar. Jistqarru kulħadd imqar dawk li huma barra mill-merħla tiegħu. Jixhduh l-ittri jew enċikliki miktubin fuq l-itqal problemi soċjali tal-lum. Tixhdu l-ħedma tiegħu biex imexxi 'l quddiem it-tagħlim. Jixhdu t-tifħir li faħħruh ħafna għorrief ta' kull lèwn u ta' kull fehma. Mhux ta' b'xejn li meta laħaq Papa bagħtu jifirħulu l-aqwa Universitajjiet tad-dinja.

Il-Papa hu l-aqwa Ħaddiem taċ-ċiviltà, ta' dik iċ ċiviltà li hi mibnija fuq il-ħaqq u s-sewwa. X'ma għamelx biex iressaq u jlaqqa' u jorbot flimkien in-nazzjonijiet miġġielda jew mitlewwma? Fiż-żmienijiet koroh li għaddew u li għaddejjin, il-Papa mill-għoli tal-Vatikan ra l-ħsara li tiġri lid-dinja jekk il-mexxejja tal-ġnus ma jimxux fit-triq tas-sewwa jekk jibqgħu jitlewwmu u jaħsbu biss biex jeqirdu 'l xulxin, u issa jwissi, issa jwiddeb, issa jħeġġeġ, issa jitlob baqa' sal-aħħar nifs ta' ħajtu bi ħsiebu mwaqqaf fuq is-sliem tad-dinja.

Il-Papa miet imma ismu miktub fl-istorja tad-dinja u l-ebda tul ta' żmien u l-ebda taqlib ta' ġrajja ma jiflaħ qatt iħassru

# IL-ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

## X'ĠID QIEGĦDA TAGĦMEL

Qabel ma ssawret, bil-ħila tat-tabib Ġużè Bonnici, din il-"Ġabra ta' Kitba Maltija", aħna stajna biss inqiegħdu taħt għajnejn il-poplu bħala xhieda tal-kitba tajba u tal-ħsieb għoli tliet rumanzi, jew aktarx erbgħa, imma mhux iżjed. Dan, ma għandniex xi ngħidu, minbarra ftit kitba oħra tajba ta' poeżija qawwija u mlehma li dal-aħħar kotrot bis-sħiħ. Il-poplu kien jistaqsi: "X'kitba tajba għandna bi lsienna?" L-egħdewwa kienu wkoll iġerruha: "Għalfejn nitgħallmu l-Malti? X'kitba hemm li tgħallimna, li tħajjarna nitgħallmu?"

Imma ż-żmien kien ħabib tagħna, u l-kotba miktuba b'Malti suret in-nies żdiedu f'daqqa. It-tabib Ġużè Bonnici ħaseb li jwaqqaf ġabra ta' rumanzi u ta' ġrajjiet qosra bil-Malti.

Kont naħseb li dan il-ħsieb ma jistax jasal biex iseħħ għax min jieħu fuq spallejh li jidħol għal xogħol bħal dan, minbarra li jkollu jmidd għonqu għal taħbit kbir, ikollu wkoll spejjeż bir-radam iħabbtu ma' wiċċu. Imma l-ħila tegħleb kollox. It-tabib Bonnici hu bniedem mimli enerġija. Hu jħobb il-Malti mhux biex jara xi ġid minnu, imma għax hekk għallmitu l-imħabba ta' qalbu. Iħobb il-Malti biex ikabbar il-letteratura tagħna; u ismu hu għalija għażiż xejn anqas minn dak tal-Professuri Ġużè Aquilina u P. P. Saydon li, id f'id, ħadmu biex juru f'dawl ix-xemx il-kobor tas-sengħa u l-ħsebijiet mixgħula tal-kittieba Maltin.

F'inqas minn sena l-"Ġabra ta' Kitba Maltija" ġa tatna tliet kotba, u ieħor, minn hawn u xagħrejn oħra, ikun f'idejna. L-"Anġli tan-Niket" ta' Ġinu Muscat Azzopardi u "Taħt Tliet Saltniet" ta' Ġużè Aquilina huma żewġ kotba mibnija fuq sfond storiku; ta' l-ewwel jitkellem dwar ġrajjiet li nqalgħu fi żmien il-Franċizi f'Malta, u fuq it-twegħir ta' dik il-ħabta jiddi isem Dun Mikiel Xerri qisu kewkba tilma f'sema iswed; tat-tieni jinseġ ġrajja ta' mħabba bejn żagħżugħ nobbli u xbejba bint ir-raba'; kienu żmenijiet imwiegħra : l-aħħar snin tal-Kavalieri f'Malta, il-ħakma Franċiża, u l-bidu ta' l-Ingliżi f'artna. Wieħed mill-karattri maqlugħin ta' dal-ktieb hu ta' Mikiel Anton Vassalli, il-bniedem ta' l-azzar li fehemtu baqgħet miexja mażżmenijiet tgħallimna dejjem inħobbu lil Malta u 'l-Ilsien Malti. "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġużè Ellul hu l-ktieb maqlugħ mill-ħajja li ngħixu ta' kulljum, xejra ta' kitba mixtieqa. Ktieb li fih il-psikoloġija għandha l-akbar u l-aqwa sehem. Il-karattri, l-aktar ta' Leli, impittra mill-aħjar u maqlugħin għall-aħħar.

Kemm "Leli ta' Ħaż-Żgħir", kemm ukoll "Il-Qawwa ta' l-Imħabba" ta' Ġużè Bonnici (li, kif ġa għidna, ma jdumx ma joħroġ) it-tnejn jitkellmu dwar iż-żmenijiet tagħna. Fil-ħsieb tiegħi din ix-xejra ta' kitba hi meħtieġa wisq u ta' min iħeġġiġha timxi iżjed 'il quddiem. B'daqshekk, imma, ma rridx infisser li għandna nbarru għal kollox kitba mirquma, sabiħa, u maħsuba tajjeb, dwar il-ġrajjiet qodma ta' l-istorja tagħna.

Ġużè Chetcuti

# LAQGĦA F'CHARTRES

*Fil-*'Melita' *tal-5 ta' Novembru tas-sena '38, deher dan l-artiklu li aħna qlibna mill-Franċiż għall-Malti, b'tifkira tal-laqgħa li kellhom il-professuri P.P. Saydon u Ġ. Aquilina mal-kittieb Laurent Ropa, li f'dak li jikteb jagħti xhieda ħajja, imfissra bl-isbaħ sengħa ta' l-imħabba ħierqa għal Malta, il-sienha u ġrajjet niesha.*

Id-Direzjoni

Is-Sajf li għadda, tlitt irġiel iltaqgħu f'belt tas-sobborg imbiegħed pariġin f'isem idijal malti, u għall-imħabba ta' dan l-idijal biss. Dawn huma l-ġrajjiet ċkejknin li jgħajjxu l-imħabba għal Art twelidna.

Fit-tletin ta' Lulju, jien li qiegħed nikteb, qbadt it-trên ta' Brest għal Pariġi, u nżilt fl-istazzjon ta' Chartres. Malli qbadt l-art fejn tista' tgħid ma kien hemm ħadd, ftit passi 'l bogħod ilmaħt żewġt irġiel, huma kienu mexjin lejn in-naħa tiegħi u jien qagħadt inħares lejhom; imma ma domtx wisq ma għa-rafthom.

Aquilina ? saqsejt (jien u riesaq lejh biex neħodlu b'idu) 'l wieħed l-aktar żagħżugħ.

Ropa ? weġibni hu.

Dan kien tassew Ġuże Aquilina, kif kont stħajjiltu jien, mir-ritratt li ma kienx ilu li bagħatli.

Sieħbu li jien ma kontx nafu mill-wiċċ, kien il-Professur P.P. Saydon. Ta' l-ewwel kien ġej minn Londra, it-tieni minn Valletta, u ltaqgħu flimkien Pariġi. Jisgħobbini ħafna li ma setgħux jaslu wasla sal-belt tiegħi ta' Sille-le-Guillaume, fejn jien kont nilqagħhom bl-akbar ferħ: hekk hu l-għaliex fit-tletin ta' Lulju tas-sajf li għadda, tliet Maltin iltaqgħu għad-dell tal-Katidral ta' Chartres. Kemm-il darba qabel Chartres, jew x'imkien ieħor fi Franza setgħet tilqa' fiha, bħal did-darba, tlitt irġiel Maltin !

Għax din il-laqgħa fil-belt ta' Karnuti (Carnutes) ma kenitx laqgħa bla ħsieb, kienet laqgħa mix-xewqa, laqgħa li ridnieha.

Ir-Rev. P. P. Sadyon, kif jidher, qabeż l-erbgħin, imma Dr. Ġużè Aquilina, hu żagħżugħ mimli ta' bejn is-27 sena. Għal kemm iż-żewġ patrijotti ma jaqblux fil-għomor, huma ilhom minn xi snin 'l hawn jaħdmu flimkien f'xogħol wieħed biex iseddqu lil Malta r-rebħa tal-Lsien Malti darba għal dejjem. Ġa xandru l-ewwel żewġ kotba ta' l-Antoloġija Maltija u bħal issa qegħdin jaħdmu dizzjunarju tal-lsien tagħna n-nazzjonali, u fih sa jagħtu nisel il-kliem.

Professur tal-Kitba Mqaddsa tal-lhudi u l-grieg bibliku fl-Università Rjali ta' Malta ir-Rev. P.P. Saydon jagħti ħidmitu kollha għall-istudju wit-tisbiħ ta' lsien twelidna: qaleb għall-Malti minnufih mill-Lhudi, xi kotba ta' l-Għaqda l-Qadima; iżda x-xewqa kbira tiegħu hi li jġib fil-Malti l-Bibbja kollha. Fost iż-żgħażagħ sewa għall-aħħar. Fiż-żmien ta' qablu u ta' qabel ħbiebu, l-Università kienet l-asaħħ qawwa tat-Taljan: bit-twaqqif ta' għaqda għal Lsien Nazzjonali hu bena kif qalli hu, u kif, bid-daħka, fakkarni hu n-nifsu 'fortizza ġewwa fortizza'. L-aktar li fixklu l-Malti kienu l-kleru u l-avukati: iżda, żied igħidli bil-għoġba, ir-Rev. P.P. Saydon hu u qiegħed igħid għalih in-nifsu u għal ħabibu Aquilina li hu dottur tal-liġi, biex iżomm iebes lil avukat qam avukat, u biex iżomm iebes lil qassisin qam qassis.

Dr. Ġ. Aquilina minn sena 'l hawn qiegħed jaħdem Londra fl-Iskola ta' l-Ilsna Orjentali; jekk hu avukat hu għandu wkoll l-isem ta' Professur tal-lsien u l-letteratura Maltija fl-Universtà Rjali. Jaf sewwa ħafna l-letteraturi Ingliża u taljana, u xi oħrajn u għandu ħjiel tal-kittieba franċiżi, u jagħmel ħiltu biex jaqrahom fl-oriġinal; jewilla ma kitebx bil-malti fil-vjaġġ, bid-data minn Pariġi sunett sabiħ ħafna fuq Baudelaire? Poeta Ingliż, huwa wkoll rumanzier u poeta Malti, u l-ftit poeżiji li ta lill letteratura nazzjonali jingħaddu, bla dubju, fost l-aktar oriġinali. Hemm għalfejn ngħid li dan iż-żagħżugħ huwa mill-isbaħ tamiet ta' Malta?

Nista' ngħid li dak li hu l-itjeb u l-asaħħ fiż-żgħużija Maltija bħal issa jinġabar f'dawn iż-żewġ patrijotti: il-professuri P.P. Saydon u Ġużè Aquilina. Il-ħajja Maltija ta' għada, għad trid tikber minnhom.

Il-għaliex mela dawn iż-żewġt irġiel xtaqu jiltaqgħu miegħi daqs kemm jien xtaqt niltaqa' magħhom? Jaqaw x'konfoffa konna sa ninsġu?... jaqaw xi ħsebijiet ta' demm konna sa nwettqu? Kieku xi ħadd mexa warajna biex isir jaf dan, kien jibqa' mingħajr ma jaqta' xewqtu, il-għaliex ilsienna għalih barrani; imma jien kont nagħtih bil-qalb kollha kull tagħrif li ried, u nneħħilu kull biża'. Xejn tixwix fil-fehmiet li aħna qabbilna ma' xulxin bil-ferħa fit-triq, jew fis-setaħ tal-kafè. L-agħar li stajna għidna kienet is-sogħba tagħna li dil-kustjoni kerha tar-razza mliet il-ħajja ewropea bil-mibegħda. "Ir-razza tal-bniedem hi familja waħda" qal il-Professur Saydon, u meta qal hekk, tkellem, mhux bħala qassis, imma bħala raġel. "Aħna lkoll aħwa... Għalhekk ħaġa sabiħa, u sewwa li nqimu lil xulxin, u ninħabbu bejnietna... Jien Malti u arani. hawn fost il-Franċiżi, għada nkun fost l-Ingliżi, il-Belġjani, l-Olandiżi... Hi ħaġa hekk ħelwa għal bniedem iħoss ruħu fost l-aħwa kull-imkien, kulfejn jista' jmur" u jien weġibtu: "Jidhirli li Franza hi l-pajjż l-aktar ħanin... Hawn ir-razez kollha ndaqs... in-

nies kollha xorta waħda..." u xħin temmejna l-ikla tagħna l-Professur qal, bħala 'toast': VIVA FRANZA! VIVA MALTA!

Kif wieħed jista' jara, fit-taħdita tagħna ma kien hemm xejn xewwiexi, iżda jaqbel ngħidu, li dan it-taħdit tagħna, f'dak il-ħâl, ma kienx ħlief il-bidu ta' ħaġa aqwa; aħna ma ltqajniex f'Chartres għal daqshekk biss. Mela għaliex sibna ruħna hemmhekk? Aħna ltqajna Chartres għaliex aħna Maltin, u għaliex aħna t-tlieta qaddejja mħeġġa ta' idijal wieħed, l-idijal Malti. Aħna fuq Malta li qbadna nitkellmu l-ewwel, u fuq ħutna l-Maltin imxerrdin kullimkien, u fuq dawk li jinsew... u l-aktar fuq il-Malti, il għaliex 'Malta' llum tfisser u tibqa' tfisser għal ħafna żmien 'l quddiem, (qabel kollox) Ilsien ta' Malta.

Iżda b'liema lsien fissirna ruħna? Il-professuri Saydon u Aquilina jafu l-Ingliż, jafu wkoll ftit franċiż, jien naf ħażin ħażin it-taljan. Stajna, kieku ridna, nfissru ruħna f'dawn l-aħħar żewġ ilsna: iżda aħna ma konniex Chartres għal daqshekk!

Mall-ewwel b'daqxejn tat-tbeżżigħ biex nibda l-għaliex wara 30 sena ftit stajt inħaddem l-ilsien ta' misserijieti, tajt il-ġieh lill-Malti fostna billi qbadt nitkellem bih. Il-ħbieb tiegħi ħabtu jistagħġbu meta semgħuni nitħaddet, tista' tgħid bil-ħeffa, u jien ukoll stagħġibt bija n-nifsi. Ma ngħidx li tkellimt bil-Malti ta' l-Għaqda, iżda kien mill-aħjar nisel, minn nisel il-bdiewa, li fin-nies kollha tad-dinja, iżommu u jżommu biss dak li hu l-aktar utieq fin-nazzjon.

"Int minn Għawdex" qalli Dr. Aquilina bi tbissima, "għaraftek mill-pronunzja. Jien minn hemm ukoll."

F'kelma waħda, aħna tħadditna bil-Malti, u din l-aqwa ħaġa.

Aħna semmejna l-ilsien ta' Malta fi mkien li m'hemmx biża' li kien semgħu xi darba, jew li sa jerġa' jisimgħu mill-ġdid. Iva, intenni, din l-aqwa ħaġa. U jien niftakar il-kitba mill-isbaħ ta' Dun Karm dwar safra Maltija Lourdes. Jien ukoll nista' nifhem x'ħass f'qalbu meta, f'art imbiegħda, sama' tiela' lejn is-sema, mill-għoljiet sbieħ, donnhom f'mixja wara xulxin, u l-iġbla jbajjdu bis-silġ, il-leħen tar-razza tiegħu mħallat ma' l-ilħna, tista' tgħid, tar-razez kollha tad-dinja!

Qabel infridna, il-professur Saydon, hu u jeħodli b'idi, qalli: "Ma għaddejniex żmien wisq ħlimkien, iżda dawn il-ftit sigħat huma għalina egħżeż mill-ħmistax li għaddejna Pariġi bl-egħġubijiet tagħha."

X'ried ifisser b'dan il-kliem il-professur magħruf? Dan u xejn iżjed: il-ferħ li ħass meta, 'l bogħod u 'l bogħod sewwa minn Gżiret twelidu, iltaqa' ma' iben ta' dik il-Gżira nfisha, tar-razza tiegħu, li għalkemm għex dejjem imbiegħed minnha, ma nsieha qatt; li għalkemm sar ċittadin ta' waħda mill-ogħla nazzjonijet tad-dinja, qatt ma ċaħadha, mhux biss, imma

baqa' u jibqa' dejjem, marbut magħha, isebbaħha, ikabbrilha ġieħha f'dik il-ħaġa li hi, u li għandha tkun, għal uliedha kollha, kif qal P. P. Saydon "demmna, ruħna, ħajjitna": l-Ilsien Malti !

LAURENT ROPA

# Lin-Nażiżmu

*Wara l-persekuzzjoni tal-Lhud.*

Mgħolli fuq tron, meqjum bl-inċens u l-fwejjaħ,
Wara l-ħarba tas-snin irġajt ġejt magħna,
ja mostru mingħajr qalb, qadim u xwejjaħ
taż-Żmien tan-Nofs, liebes il-qmis bħal tagħna.

Għalxejn trid tidher ġdid, żagħżugħ u sbejjaħ,
Għalxejn tqarraq biż-żgħar b'ħarsa daħkana,
Il-kbar għarfuk, xammew tad-demm l-irwejjaħ,
Li bih, qattiel, ċappast idejk setgħana.

Jien nifraħ dak in-nhar illi l-ġnus jirfsu
rasek bla xagħ'r, u l-bniedem jerġa' jilwi,
biex ikun sid u ħakem tiegħu n-nifsu.

U tħaddar tal-Ħelsien kull fergħa u rimja
fil-waqt li għana jidwi, jidwi, jidwi,
fuq kull mogħdija u kull trieq tad-dinja.

ĠORĠ PISANI

# "F'Żewġ Saltniet"

"...Why should I measure degrees of latitude,
why should I count Egyptian years?"

EMERSON's essay on "History".

Jiena ġrejt bi ħsibijieti d-dinja kollha
w għarrixt sa l-iċken rokna kullimkien,
jien għext ġo qiegħ il-baħar, fl-għola qċaċet
u b'hekk sirt iben ta' kull post u żmien.

Jien għext f'saltnet il-bhejjem qalb l-iljuni
fejn leħen bniedem ma jinstema' qatt,
jien tirt ma' l-ajkli fit-triqat tas-sema
tbaħbaħt ġo difa fejn ma rifes ħadd.

Urejt imħabbti hemm f'għerien li jbeżżgħu
qalb sriep u tigri, ljuni u dud ta' l-art
'ma ħadd m'għarafha; għalfejn naħli żmieni
f'għixien bla fejda nsofri l-ġuħ u l-bard?

Kull qalb li tagħti mħabba bla ma taqla'
hi u mħabbitha jisfaw fgati t-tnejn,
u ruħha titlef l-isbaħ għamil tagħha
hi stess tintilef, ġidha jisfa xejn.

Għax x'tiswa x-xemx bla dawl? Kieku tinħeba
hekk tkun; u x'jiswa d-dawl jekk aħna għamjin?
Hekk qalb il-bniedem 'k ma tgħarrafx għemilha
lil min jgħarfu, titlef ruħha u tnin.

* * *

Jien dawwart trieqti lejn saltnet il-bniedem
bdejt ngħarrex niżen dawk l-eluf ta' qlub,
u sibt ġo fihom l-istess dawl ta' qalbi,
id-dawl li jaf iħobb u jkun maħbub.

Kif Malti jifhem ilsien Malti l-iżjed
jien l-iżjed fhimt il-bnedmin l-oħra wkoll,
għax ħsieb il-ħuta ma sabx xebh ġo moħħi
u l-qalb it-tigra ma stajtx qalbi nħoll.

Jien rajt il-qlub iħabbtu b'imħabbithom
u bniedem m'ieħor fiha marbutin
u bqajt u nibqa' f'din is-saltna sbejħa
qalb l-isbaħ ħlejjaq l-ikbar ħbieb, bnedmin.

ĠUŻÈ MICALLEF

Siġġiewi

# Flus Foloz

Kienet ilha tiġri x-xniegħa li qegħdin imexxu fl-idejn il-flus foloz, iżda ħadd ma sata' jagħraf liema huma l-ħżiena u liema t-tajbin, tant li kulħadd qata' jiesu li għad jingħażlu. In-nies tal-Bank bil-kemm setgħu jagħarfu l-foloz mit-tajbin, għax dawn kienu magħmulin b'reqqa kbira wisq. Il-wiċċ kien mill-aħjar, il-linji taċ-ċirku ndaqs u dritti, it-toqol daqs fils tajjeb u l-lewn ma jagħtik xejn x'taħseb li huma xogħol idejn qarrieqa.

In-nies anqas issuktat titkellem fuqhom u b'għajnejha magħluqa kompliet tmexxi u tħallat il-flus bla ma tħabbel rasha xejn. Kien hemm min qal: "La ninqeda bihom daqs li kieku tajbin, għalfejn noqgħod nagħżilhom, biex ikolli neħodhom għand il-Pulizija ?" B'danakollu, xi wieħed rasu sħuna żejjed u beżżiegħi mill-flus foloz ma naqasx li joqgħod jifli kull żewġ xelini u tmintax irbiegħi li taqa' taħt idejh, u mhux darba u tnejn li xi żewġt irġiel tlewmu u ġew fl-idejn għax wieħed igħid li dak il-fils tajjeb, fil-waqt li l-ieħor lest biex jaħlef li hu falz.

Kien jeħtieġ li tinsab minn fejn ġejja l-marda u jinqabad min kien qiegħed, b'sengħa tal-għaġeb, jaħdem il-flus foloz.

Għal dan ix-xogħol, b'satra kbira, indaħlet il-Pulizija Sigrieta, u billi għal xogħol iebes u diffiċli kien jidħol dejjem l-Ispettur Manwel Żammit, din id-darba wkoll inqala' l-Ispettur Manwel, li fih il-Korp kollu tal-Pulizija ttama li jinqabdu l-ħatjin.

L-Ispettur Żammit ħa x-xogħol f'idejh bil-ferħa u bħas-soltu ma żamm lil ħadd igħinu. Kien igħid li stħarriġ irqiq bħal dan aħjar isir bla tfixkil u pariri żejda, bil-mod kif jaf hu biss.

Kien mistenni minn jum għal ieħor li l-Ispettur Żammit sa jgħarraf lill-Kummissarju min huma l-ħatjin u fejn qegħdin jaħdmu, iżda għadda ż-żmien u l-ebda xaqq dawl ma ntlemaħ li minnu wieħed sata' jaqbad tarf.

Żammit kien jasal l-uffiċċju b'wiċċ dejjem imqarras u għal kull kelma li kienu jgħidulu sħabu kien jisbel u jaħlef bla ħniena. Biss qatt ma heda, anzi kien igħid li għandu tama qawwija li fl-aħħar ghad jirnexxilu jressaq quddiem il-Qorti lil min b'tant għaqal qiegħed imexxi dawn il-flus.

Kif jiġri bosta drabi, mhux sħabu kollha kienu jitħassruh lill-Ispettur Żammit billi kien għadu ma rnexxelux isib tarf tal-misteru tal-flus foloz. Kien hemm l-Ispettur Karmenu Ċefai —bieżel u ħabrieki mhux inqas minn Żammit—li ma kienx jifraħ bi ftit f'qalbu meta jara lil sieħbu jisfalu fix-xejn it-taħbit

li kien qiegħed itelliflu jiem sħaħ. Bla ma tkellem ma' ħadd, waħħal f'moħħu li jrid jibda jistħarreġ hu wkoll din il-biċċa xogħol. Qabbad xelleja għalih, ħallashom tajjeb, wegħedhom bosta ħwejjeġ, għalkemm kien jaf li ma jista' qatt jagħti dak li wiegħed, u ħadem sħiħ. Kien żgur li jekk jaqbad it-tajfa li kienet ixxerred il-flus foloz, qabel ma jirnexxilu sieħbu Żammit il-Kummissarju kien jibda jitfa' tamtu fuqu 'l quddiem. Xogħol iebes, tas-sabar, ta' reqqa bla tarf, xogħol li sarlu wisq iktar tqil billi ħtieġlu jinqeda b'nies barranin għall-Korp tal-Pulizija. Ħtieġlu jgħasses fuq dawk li qabbad stess għax baża' li jqarrqu bih; baża' li għandhom mnejn kienu huma l-ħatjin.

Beda jgħarbel raħal raħal. Beda jara minn fejn jinqabdu l-iktar flus foloz. Kien għalxejn. L-ebda raħal ma spikka iktar minn ieħor. Iktar ma twalet il-tfittxija, iktar bdiet tonqoslu l-ħila. Ħaseb li x-xelleja tiegħu kienu qegħdin jilagħbuh u kulma kienu jagħmlu kien tul ta' żmien biex jisolħulu dejjem flus iktar.

Il-ħidma ta' Ċefai fl-aħħar tat il-frott tagħha. Tnejn mix-xelleja għarrfuh li sabu fejn kienu jinħadmu l-flus foloz. Kien jonqoshom jaqbdu min huma n-nies. Iżda lanqas ma kien meħtieġ dan billi kienu jafu l-ħin li jkun bin-nies il-post imfittex. Fadal biss li taqbeż fuqhom il-Pulizija u taqbadhom fil-fatt.

La wasal sa hawn waħdu, Ċefai ma tkellem xejn sa ftit qabel ma kellu jmur flimkien max-xelleja tiegħu biex jaqbad lill-ħatjin. Xi siegħa qabel il-ħin, qabbad għaxar kunnistablijiet bla uniformi jarmaw u jithejjew biex joħorġu miegħu.

Kienu xil-ħdax ta' bil-lejl meta ltaqa' ma' dawk li kellhom juruh il-lok. Kien għar in-naħa tax-Xlokk ta' Malta, iħares għal fuq baħar iswed u ikreh, li fih lanqas is-sajjieda ma kienu jersqu. Kont taħlef li 'l hemm ma jersaq ħadd daqskemm kien għieri minn kull ħaġa li fiha ħajja. Biex waslu qrib il-għar ħteġilhom jitkaxkru ma' l-art, iżda ma kienx meħtieġ għax min kien ġewwa qatt ma basar li għad jersaq xi ħadd lejn dawk l-inħawi. Lanqas l-iċken ħsisa ma waslet f'widnejn dawk ta' barra, u dik il-ħemda beżżgħet lil Ċefai. Ma' tixjira ta' idejh, dawk li kellu miegħu minnufih qabżu ġo l-għar u ippuntaw l-armi fuq min sata' kien hemm ġewwa.

Irnexxiet. Kien hemm nies, kien hemm forom lesti bil-flus, kien hemm nar imkebbes u ċomb imdewweb f'lenbija, iżda fost kulħadd, imxammar u għarqan bis-sħana tan-nar, kien hemm l-Ispettur Manwel Żammit.

VIC.

# IS-SAHTA

*Mill-Ingliż ta'* Miss May Butcher.

"Demmu jixtered fuqna w fuq uliedna ! "
Għalhekk, dan hu għaliex, MULEJ, il-qtajja'
Tal-ġens tiegħek magħżul mitruda u msawta?—
Għax huma sallbu... sallbu l-Kelma Ħajja.

Għalhekk għandhom—ma' tul is-snin maħqura,
Imxekkla tul iż-żmien b'saħtet Kajin,
Mibgħuda minn kulħadd—jiġru mkeċċija
Sa ma jarġa' l-Messija mal-bnedmin ?

"Missier, aħfrilhom ! ma jafux b'għamilhom."
Talbu x-Xuftejn ta' Min kien qed jintemm !
Għaliex ukoll il-bniedem ma jaħfrilhom ?
M'aħniex aħjar: għalkemm ma konniex HEMM.

Jiftaħ għajnejh il-bniedem: hemm imniżżel :
("Kelmti", jgħid ALLA, "ma tisfax fix-xej' "—
"Misħut min jisħtek, int, ġens maħbub tiegħi ! ")
Aħjar it-triq nuruhom tal-Mulej.

Mas-Siġra taż-Zebbuġ, dal-friegħi mqaċċta
Jistgħu mill-ġdid jingħaqdu (jekk iridu),
Jistgħu mill-ġdid, kif kien il-ħsieb ewlieni,
Jissieħbu m'ALLA w jieħdu l-frott ta' Ġidu.

ĠUŻÈ CHETCUTI

# Evoluzzjoni !

Id-dinja llum, biddlet il-fehmiet tagħha !
Is-setagħnin ħakkiema, jew bil-herra
Jew b'ħażen tal-Infern, iridu jaħtfu !
U min x'jitlef m'għandux, irid il-gwerra !

Ix-xebba llum toħroġlok mid-dar kmieni,
Taħdem man-nies... mal-gvern... sa fil-għaxija.
In-nies ħaddiema, jilbsu bħas-sinjuri.
It-toroq tilfu l-jedd tal-magħmudija !

Ir-raba' tbiddel f'bini; wil-faċċata
tad-dar, kollha skultura u simetrija,
Flok ħbabat, tros̀s buttuna, iddoqq qanpiena !
Wid-djar, għax-xmajjar, bliet, nies, imsemmija !

L-agħrajjes jiġru wħudhom: minn ġot-"Talkies"
Għal-passiġġati twal ! U, taf, il-"Mammy";
Mal-ħbieb tal-qalb, għarajjes oħra bħalhom,
jishru s-sigħat it-twal, jilagħbu r-"Rummy" !

Flok karozzini, ġew krarez tan-nar.
Flok il-Parilja, "Cars" bid-dawl jilmaw.
"Grounds" maħnuqin bin-nies, jaraw jittajjar
Fl-ajru, ballun. Wiż-żgħażagħ jiskejtjaw !

Progress !... igħidulek. Tabilħaqq "Progress" !...
Sakemm id-Din ta' ruħna jibqa' sħiħ
Bħal blat; u ma jitbandal 'l hawn u 'l hinn,
Kif tagħmel qasba li jċaqlaqha r-riħ !

Tqalleb fehmitha d-dinja; wil-bnedmin
iduru ma' kull riħ; jimxu maż-żmien.
Iżd' amar Alla, ma jistax jitbiddel !
U *għadu sħiħ u jibqa'* bħal ma kien ! ! !

R. M. B.

1/1/1939.

# Xirka għat-tixrid ta' l-Ilsien Malti

L-ewwel laqgħa tax-"Xirka" saret fil-15 ta' Jannar fil-Palazz de la Salle. Kien hemm għadd sabiħ li qabeż il-ħamsin, nies ta' kull tajfa, kollhom ħerqa li jaħdmu għall-Malti, jaqbżu għal jeddijietu u jkattru ġmielu. F'din ix-Xirka daħal element żagħżugħ, ħaġa mixtieqa, għax minn dawn iż-żgħażagħ nistennew il-kobor u t-tixrid tal-letteratura Maltija ta' għada. Il-ħsieb tal-promoturi qiegħed iseħħ.

F'din il-laqgħa nħatar Kumitat Provviżorju biex jieħu ħsieb jagħmel ir-regulamenti. Ingħażlu dawn is-Sinjuri: Dr. Ġ. Bonnici, M.D., President; A. Buttiġieġ, B.A., Segretarju; Membri: N. Biancardi; Ġ. Buħaġar; Ġ. Chetcuti; Dr. Ġ. Formosa, LL.D.; Dr. Ġ. Galea, M.D.; Patri Alb. Grech, O.P.; Ġ. Pisani.

Ix-Xirka bagħtet talba lis-Segretarju tal-Kolonji biex il-Malti, l-istess bħall-Ingliż, ikun magħruf b'ilsien uffiċjali fil-Kostituzzjoni li ġejja, jiġifieri l-Membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jitkellmu bil-Malti, kif kienet tgħid il-Kostituzzjoni ta' l-1921, u biex il-minuti jkunu miktuba u mitbugħa bil-Malti.

Ix-Xirka tilqa' lil *kulħadd.*

---

## KOTBA KBAR

*Lorna Doone*, maqlub għall-Malti mill-Ingliż ta' R.D. Blackmore.

Waslilna l-ewwel għadd ta' *Lorna Doone*, maqlub f'Malti tajjeb u maħdum bis-sengħa. Fraħna xħin rajna li sa jibdew joħorġu faxxikli ta' dix-xorta, darba fil-ġimgħa, miktuba bl-ortografija tal-Għaqda. Il-ħsieb ewlieni ta' min għandu f'idejh il-ġabra Kotba Kbar hu li jagħni lsien art twelidu b'kitba li jixirqilha l-isem ta' kitba. Biex il-Malti jistagħna jeħtieġ tinqered il-kitba bla sengħa, bla tirqim, bla ħajja! Issa wasal iż-żmien li l-qarrejja jibdew jagħarfu minn kitba għal oħra, kitba bla sies letterarju u kitba li sseddaq ilsienna.

R. D. Blackmore hu wieħed mill-aqwa prożaturi Ingliżi: kiteb, minn barra għadd ta' kitba oħra, "Maid of Sker", "Christowell" u "Spring haven", rumanzi kbar, imma ismu l-iżjed li baqa' magħruf imħabba *Lorna Doone*. Dan il-ktieb jolqot il-mentalità ta' kulħadd, żgħar u kbar; is-suġġett hu mibni fuq storja ta' mħabba romantika, u mimli bi ġrajjiet drammatiċi. Din l-istorja ngħoġbot sħiħ, u ħafna Ingliżi jmorru Devonshire bil-ħsieb waħdieni li jagħmlu żjara lill-Wied ta' Doone.

Kull min irid jissieħeb jibgħat ismu u fejn joqgħod, lill-

EDITUR "KOTBA KBAR"

29, Misraħ San Ġwann, Il-Belt.

# Werrej tas-sena 1938-1939


| | | | |
|---|---|---|---|
| A. C. | Weraq tal-Ħarifa | faċċ. | 35 |
| A. G. | Lil Malta tiegħi | ,, | 94 |
| Agius M. | Dieqa f'lejl xitwi | ,, | 8 |
| ,, | "League of Nations, | ,, | 62 |
| ,, | Il-gwerra | ,, | 82 |
| ,, | Il-presepju | ,, | 138 |
| Aquilina Ġ. | Xenqa | ,, | 19 |
| ,, | Alla tax-Xitwa | ,, | 41 |
| ,, | Amor vitæ | ,, | 52 |
| ,, | Mistoqsija | ,, | 67 |
| ,, | Il-għannej tal-wied | ,, | 67 |
| ,, | Infern u Knisja | ,, | 79 |
| ,, | Il-Maltin u l-ilsien Malti | ,, | 89 |
| ,, | Il-Kunjom Abela | ,, | 100 |
| ,, | Il-kelma "biswit" | ,, | 137 |
| ,, | Nisel il-kliem | ,, | 156 |
| ,, | Laqgħa f'Chartres | ,, | 164 |
| Biancardi N. | Għajnejn suwed | ,, | 73 |
| ,, | Ħdejn il-qamar | ,, | 149 |
| Borg A. | Lin-Naxxar | ,, | 45 |
| Chetcuti Ġ. | L-*Essay* u l-letteratura tagħna | ,, | 1 |
| ,, | Ibnu | ,, | 43 |
| ,, | Stenna sa għada | ,, | 51 |
| ,, | Għalfejn il-poeżija? | ,, | 77 |
| ,, | Il-Paġna Letterarja tal-"Berka" | ,, | 87 |
| ,, | Il-Maltin u l-Ilsien Malti | ,, | 89 |
| ,, | Gwerrier | ,, | 93 |
| ,, | Adolf Hitler | ,, | 102 |
| ,, | Swar ħiemda | ,, | 108 |
| ,, | Biblijografija | ,, | 109 |
| ,, | Il-Prof. Ġ. Aquilina | ,, | 115 |
| ,, | Il-Wied u Jien | ,, | 132 |
| ,, | Ġo l-Awstrija | ,, | 138 |
| ,, | Biblijografija | ,, | 159 |
| ,, | Il-Ġabra ta' Kitba Maltija | ,, | 161 |
| ,, | Is-Saħta | ,, | 171 |
| Coleiro E. | Il-kelb tas-Smewwiet | ,, | 120 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| CUTAJAR L. | Mawra sa tal-Ħorr | faċċ. | 20 |
| ,, | Din il-ħajja | ,, | 125 |
| ,, | Il-kewkba tas-Saħrin | ,, | 135, 147 |
| ELLUL-GALEA K. | Skiet u Sliem | ,, | 46 |
| ELLUL ĠUŻÈ | Ħerba | ,, | 96 |
| FARRUĠ A. | Ktieb fuq il-Kitba Mqassra | ,, | 30 |
| ,, | Stedina | ,, | 53 |
| FARRUGIA A. | Did-Dinja | ,, | 104 |
| GRIFFITHS V. | Moħtar lil żmenijietna | ,, | 5 |
| KISSAUN M. | Jum l-Armistizju | ,, | 131 |
| MICALLEF Ġ. | F'Żewġ Saltniet | ,, | 168 |
| MIFSUD Ġ. | Burraxka ta' April | ,, | 24 |
| MUSCAT K. | Tal-Ħerba | ,, | 4 |
| MUSCAT-AZZOPARDI IVO | Għajn il-bniedem | ,, | 106 |
| ,, | 1918—*Annus Mirabilis* | ,, | 155 |
| NICHOLAS A. | Demm Għawdxi f'Tunes | ,, | 83 |
| PISANI Ġ. | Maskra Sewda | ,, | 9 |
| ,, | Mill-Kummidja "Barham" | ,, | 23 |
| ,, | Tibżax... | ,, | 23 |
| ,, | L-Awstrija | ,, | 42 |
| ,, | Laqgħa ta' Hitler u Mussolini | ,, | 55 |
| ,, | Maskra tal-Gass | ,, | 56 |
| ,, | L-Ajruplan | ,, | 73 |
| ,, | Quddiem tfajjel... | ,, | 82 |
| ,, | Lill-Kanarin tiegħi | ,, | 99 |
| ,, | *Racialism* | ,, | 103 |
| ,, | Ċekoslovakja | ,, | 103 |
| ,, | Il-Baħar | ,, | 114 |
| ,, | Lill-Mewt | ,, | 119 |
| ,, | Pasterizzazjoni | ,, | 139 |
| ,, | Megalomanija | ,, | 139 |
| ,, | Bla rażan | ,, | 148 |
| ,, | In-Nażiżmu | ,, | 167 |
| PORTELLI W. | Il-purtinar tal-Bank Telson | ,, | 57 |
| R. M. B. | Il-klieb u sidhom | ,, | 28 |
| ,, | Xejn mingħajr "imma" | ,, | 61 |
| ,, | Telfa u telfa | ,, | 74 |
| ,, | Il-gidi u l-lupu | ,, | 86 |
| ,, | Epigramma | ,, | 99 |
| ,, | Evoluzzjoni | ,, | |
| RIGAUD A. F. | Min jistenna jithenna | ,, | 68 |
| ROPA L. | Laqgħa f'Chartres | ,, | 164 |
| SAMMUT J. | Il-Mafkar il-ġdid | ,, | 130 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Saydon P. P. | It-truf jiltaħqu | faċċ. | 59 |
| ,, | Tifkiriet ta' Londra | ,, | 80 |
| ,, | Nhar it-8 ta' Settembru | ,, | 101 |
| ,, | Tifkiriet tas-safar | ,, | 104 |
| ,, | Biblijografija | ,, | 158 |
| Valletta A. | Iċ-ċurkett taż-żwieġ tal-Madonna | ,, | 39 |
| ,, | Ħall Farruġ | ,, | 71 |
| Vassallo K. | Poeta mit-twelid | ,, | 150 |
| Vic. | Flus foloz | ,, | 169 |
| Id-Direzjoni | Il-Malti fil-Qorti | ,, | 17 |
| ,, | Il-Malti u n-Nutari | ,, | 33 |
| ,, | Fi Isienna l-għaqda tal-Maltin | ,, | 49 |
| ,, | Ħtieġa ta' Grammatka tal-Malti | ,, | 65 |
| ,, | Il-Poeżija Satirika fil-Letteratura Maltija | ,, | 113 |
| ,, | Konkorsi ta' Kitba Maltija | ,, | 129 |
| ,, | Lill-Kittieba ż-Żgħażagħ | ,, | 145 |
| ,, | Tagħrifa | ,, | 147 |
| ,, | Il-Papa miet ! | ,, | 161 |

## Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti

**Imfissrin minn P. P. Saydon**

Ma jdumx ma jidħol għall-istampa l-għaxar wieħed fost il-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti mill-Prof. P. P. Saydon, Iżda l-awtur jisgħob bih igħarraf li billi l-bejgħ ta' dawn il-kotba hu żgħir ħafna sa jkollu jnaqqas il-għadd tal-kopji u hekk il-prezz jogħla. Min irid jixtrih, jagħti ismu lis-Sur Salv Farrugia tal-Empire Press u jkollu l-ktieb b'1/3 jew 1/6; min jixtrih mill-ħwienet iħallas 2/- jew 2/6.

KTIEB IL-ĠENESI, 1929, ma fadalx aktar minnu.
KTIEB L-EŻODU, 1930.
KTIEB IL-LEVITKU, 1930.
KTIEB IN-NUMRI, 1931.
KTIEB ID-DEWTERONOMJU, 1931.
TIFSIR IL-KLIEM, 1931.
KTIEB ĠOŻWE, 1931.
KTIEB L-IMĦALLFIN U KTIEB RUT, 1932.
IL-KOTBA TA' SAMWEL, 1933.
IL-KOTBA TAS-SLATEN, 1937.
IL-KOTBA TAL-PARALIPOMNI, joħroġ fil-bidu tas-sena 1939.

# RIGALI SBIEĦ U RĦAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba agħtiha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara*, *Raħal Ġdid*, *Mosta*, eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Taħt tliet Saltniet* ta' Ġ. Aquilina, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Anġli tan-Niket* ta' Ġinu Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil*, *L-akbar imħabba*; *Il-ħajja tar-Re u r-Reġina*; *Ward jew Xewk*; **u** oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

HAREĠ :

# LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

TA'

ĠUŻÈ ELLUL

It-Tielet wieħed mill-

## ĠABRA TA' KITBA MALTIJA

MAĦRUĠA

MIT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

---

| Tisħib |
|---|
| 6d. kull sitt xhur<br>1s. kull sena.<br>Kopja waħda sold<br>Għal barra minn<br>Malta id-doppju. |


**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**

**A. C. AQUILINA & Co.**

**58D Triq Irjali, Il-Belt.**